**Santa Luċija**

# Minuti

## Disà Leġislatura

## Laqgħa Numru 24/2025
## 25 ta' Novembru 2025

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:18p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Liam Sciberras – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Il-Kunsillier Sciberras informa li ser ikun indispost.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 23**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija.

Minuti 23 ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Viċi Sindku bħala Sekondant.

**24.3 Punti mqajjma mill-Minuti 23**
NIL

**24.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti 24/2025**
L-iskeda ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija.

L-iskeda ġiet approvata mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Viċi Sindku bħala Sekondant.

**24.5 Approvazzjoni tal-Policy – Użu ta' Wheelchairs (Mobility Week 2024)**
Il-Policy ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku infurmat li d-draft tal-Policy ġiet ippreparata mill-avukata Dr. Claire Bonello. Il-Policy ġiet approvata b'mod unanimu.

Il-Kunsill irċieva 3 stimi għal 2 electric wheelchairs u l-Kunsill approva li tiġi magħżula l-irħas offerta. Is-Sindku issuġeriet li tiġi estiża l-garanzija u l-Kunsill iħallas id-differenza.

Is-Sindku infurmat li peress mill-budget allokat minn din l-iskema ser jintefaq ammont inqas, ser issir talba lil TM sabiex inżidu electric scooter għal użu tar-residenti sabiex jintuża madwar Santa Luċija. Bħala Policy ser tintuża l-istess waħda tal-wheelchair iżda fuq l-scooter. Il-Kunsill approva

Is-Sindku għaddiet mozzjoni sabiex jiġi miżjud item ieħor fl-Agenda. Is-Sindku żiedet il-lista tal-FAR. Din ġiet approvata.

**24.6 Tneħħija ta' oġġetti mill-Fixed Assett Register**

Il-lista ġiet mgħoddija matul il-laqgħa (Annex 2). Il-Kunsill approva li jitneħħew l-oġġetti miktuba fil-lista.

**24.7 Tenders:**

**24.7.1 Deċizjoni dwar it-tender T/KLS/02/2025 (Parks and Gardens)**

Is-Sindku infurmat li d-deċiżjoni mhux ser titieħed f'din is-seduta minħabba li għad baqa evalwatur li għad jrid jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu.

**24.7.2 Servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-latrini**

Is-Sindku infurmat li dan is-servizz twaqqaf, wara li nħarġu diversi default notices. Il-Kunsill qabel li naħdmu bl-irħas offerta wara li nġabru diversi kwotazzjonijiet u tinħareġ tender ġdida.

**24.7.3 Servizz ta' perit**

Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Lewis (Annex 3). Il-Kunsill qabel li jitwaqqaf dan is-servizz bil-kundizzjoni li jitkompla s-superviżjoni tal-proġett tal-bandli, u s-servizzi tiegħu jibqgħu għal dawn il-proġetti biss sakemm jiġu approvati l-permessi tal-Planning Authority taċ-Ċentru Ċiviku, ta' Ġnien is-Serenita u l-kamra l-ġdida fi Triq ta' Garnaw. Il-Kunsill qabel li sakemm tinħareġ t-tender, il-Kunsill jaħdem b'Direct Order. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li għall-proġett tal-platform lifts sabet perit li jifhem fuq dan ix-xogħol. Is-Sindku approva.

**24.8 Deċiżjoni dwar l-MoU ma Cleansing Malta dwar is-servizz tal-Knis**

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għadu ma rċiviex l-MoU il-ġdid bl-emendi mitluba mill-kunsill u l-avukata tal-Kunsill. Is-Sindku ikkjarifikat li sakemm jiġi iffirmat l-MoU, l-Kunsill mhux ser ikun qed iħallas għal dan is-servizz.

**24.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**24.9.1** Is-Sindku għaddiet l'**istatistika** tal-laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Novembru 2025 (Annex 4).

**24.9.2** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-avukata Dr Bonello u l-Perit Mugliett dwar l-appell ma l-ERPT dwar **PA/3310/25** (Krematorju). Id-deċiżjoni tal-ERPT kienet li l-applikant irid jmur lura bl-istess applikazzjoni mal-PA (Annex 5). Is-Sindku infurmat li fis-seduta tal-appell ma kienx hemm rappreżentanti minn Kunsilli Lokali oħra. B'mod unanimu l-Kunsilliera qablu li joġġezzjonaw għal krematorju.

**24.9.3** Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Sciberras għadu ma bagħatx l-aċċettazjoni tiegħu sabiex ikun parti mill-**Kumitat tal-Finanzi** bħala Minority Leader. Sakemm il-Kunsillier Sciberras jibgħat ir-risposta tiegħu l-Kunsill ser jilħaq jibgħat lid-DLG bl-ismijiet tal-membri li aċċettaw.

**24.9.4** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret mal-**Ministeru tat-TM** (Annex 6) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill approva li f'Jannar issir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika mar-residenti li joqgħodu fl-area ta' Triq il-**Bwieraq**, sabiex dik l-akwata ssir One Way minħabba li hemm toroq dojoq.

Rigward l-Unloading Bays ta' Dawret it-Torri, il-Kunsill approva li japplika għal:

- Unloading Bay quddiem My Convenience bil-ħinijiet li huma standard għal My Convenience ta' madwar Malta ma TM, li din ser tkun l-istess għal ħwienet tal-viċinanżi.
- Commercial Timed Parking (quddiem l-Android) Monday to Saturday 8am – 12pm u 12pm – 4pm b' 30 minutes timed parking u wara l-4pm unrestricted.

Is-Sindku infurmat li resident qed jiġbor il-firem għal petizzjoni sabiex ikun hawn ħruġ ieħor minn Santa Luċija.

**24.9.5** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret mat-**Tourism Zones Regeneration Agency** (Annex 7) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

**24.9.6** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret mall-**Ministeru tal-Ġustizzja** (Annex 8) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

**24.9.7** Is-Sindku infurmat li iltaqgħet mal-perita tal-Public Works li ser tieħu ħsieb ix-xogħolijiet tal-embellishment tal-**latrini** li jinsabu fil-Picnic Area u l-perita infurmata li x-xogħolijiet ser jibdew għal Jannar, wara li jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa. Sadanittant l-amministrazzjoni ġabet stima sabiex tisewwa l-ħsara tal-ilma li tinsab fil-latrina, iżda l-Kunsill ma approvax li ssir il-manutenzjoni, peress li daqt jinbeda x-xogħol.

Fl-istess waqt inġabet kwotazzjoni oħra sabiex tissewwa l-ħsara tal-**ilma** li tinsab fil-binja tal-Kunsill li tammonta għal madwar €600. Il-Kunsill approva.

**24.9.8** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret mas-**Sanita** (Annex 9) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Kunsilliera Debattista talbet li ssir nota, u tingħalaq l-area fejn jintefa l-velenu sabiex min ikun għaddej min dik l-akwata jkun avżat. Fl-istess waqt il-Kunsilliera Debattista talbet li ningħataw ċertifikazzjoni mingħand VET li l-velenu mhuwix ta' periklu għal annimali.

**24.9.9** Is-Sindku qasmet l-esperjenza tagħha mal-Kunsilliera wara li żaret l-**Smart City Expo** ġewwa Barcellona, li min Barcellona ġabet diversi kuntatti speċjalment dwar l-Autonomous Bus u outdoor furniture.

Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret mas-**Sur Markuz Zwick** (Annex 10) u mal-Profs. Alexei Dingli (Annex 11) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

**24.9.10** Is-Sindku infurmat li saret il-**Health Check** fil-Jum Internazzjonali tad-Diabetiċi u infurmat li l-Kunsilliera Connie Debattista qed tieħu ħsieb l-attività Aqra Miegħi Ktieb tal-Milied.

**24.9.11** Is-Sindku issuġeriet li l-Bus Stage **Tursin**, li jinsab fi Triq Ineż Soler, isir is-shifting tiegħu għal fuq l-Bus Stage Gardenja li jinsab f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill approva.

**24.9.12** Is-Sindku infurmat li fl-20 ta' Diċembru ser isir **party** għat-tfal bl-ikel, xorb u animazzjoni minn Afterglow u ser jingħataw rigal. Fid-9 ta' Diċembru ser isir lunch għar-residenti li kull min jattendi ser jingħataw rigal. Il-Kunsill approva.

**24.9.13** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa li saret mal-**Malta Food Agency** (Annex 11) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Kunsill approva li jiġu involuti l-Farmers Market matul l-attivita li ser jorganizza l-Kunsill nhar it-12 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel li dawn jarmaw fil-picnic area jew fl-entratura mingħajr l-vetturi.

Rigward il-Farmers Market li ser jibda jiġi organizzat kull nhar ta' Sibt, il-Kunsill qabel li dan isir fuq trial period ta' 3 xhur u bħala post, l-ewwel preferenza tkun fil-parkeġġ tal-Kappillan u t-tieni preferenza hi fil-parkeġġ li jinsab fi Triq il-Pepprin. Is-Sindku ser tagħmel kuntatt mal-kappillan.

**24.9.14** Is-Sindku irringrazzjat lis-SE u lill-Kunsillier Sciberras li ħadmu fuq iż-żewġ **Bye Laws**. Is-Sindku infurmat li l-Bye Laws ġew mgħoddija lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom iżda ma kienx hemm kummenti x'jiġi miżjud magħhom.

**24.9.15** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta min-Nanniet Malta sabiex jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet b'xejn tal-**line dancing** ġewwa Santa Luċija fil-gazebo kull nhar ta' Tlieta mill-5.00pm – 7.00pm. Il-Kunsill approva.

**24.9.16** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-**Allokazzjoni** Finanzjarja għall-Kunsilli Lokali 2025 (Ċirkolari 06/2025) li l-allokazzjoni għas-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera qablu li nibgħatu lid-DLG sabiex ningħataw aktar fondi bħala Lokalita Turistika minħabba Ġnien is-Serenita.

**24.9.17** Is-Sindku irċiviet talba mingħand il-kowċ tal-**futbol** sabiex tiżdied sessjoni oħra tal-futbol għat-tfal. Fis-seduta Nru. 23 il-Kunsill ma approvax li jħallas għat-tieni sessjoni, għalhekk il-kowċ qed jitlob li jagħmel użu tal-5-a-side mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva.

**24.9.18** Is-Sindku infurmat li mill-ammont allokat għall-iskema tal-**kultura** SPI/02/2025 baqa xi flus li jistgħu jintużaw. Għalhekk il-Kunsill qabel li bil-flus li baqa jinxtraw bozoz LED għall-picnic area, 10 imwejjed u 20 siġġu, u 2 ACs għat-tea room u l-pavillion dan peress li dan il-Ġnien jintuża għal diversi attivitajiet. Il-Kunsill approva li d-differenza tinħareġ mill-Kunsill.

**24.9.19** Is-Sindku infurmat li s-**soft flooring** tal-bandli jrid jinbidel kollhu, għalhekk l-ispiża ser tiġi għola mill-BOQ tat-tender. F'każ li jsir bil-Wet Pour (In-Situ) Rubber Flooring li huwa aħjar mit-tiles, il-Kunsill irid joħroġ €60,000.00 differenza, filwaqt jekk isir bit-tiles il-Kunsill irid joħroġ €40,000.00 iżjed. Is-Sindku infurmat li ser nippruvaw napplikaw mal-iskema tal-fencing SPI/01/2022 peress li baqa l-fondi u d-

differenza jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Il-Kunsill approva li l-Kunsill juża l-Wet Pour Rubber Flooring anke wara l-parir li ingħata mill-Perit Lewis (Annex 12).

**24.9.20** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-iskema **SPI/06/2025 (shed u vettura**) ma ġietx approvata minħabba li l-proġett tal-Gazebo għadu mhux lest. Peress li diġa beda l-proċess għal permessi mal-PA, il-Kunsill approva li nkomplu bil-proċess tal-PA, sabiex meta tinħareġ skema oħra inkunu nistgħu napplikaw.

**24.9.21** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex id-differenza tas-siġġijiet li nxtraw ġa u tad-dawl li sar fil-gazebo li dawn kienu parti mill-applikazzjoni ta' **SPI/04/2024** jinbidlu sabiex minflok issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq is-sistema tad-dawl fi Ġnien is-Serenita. Il-Kunsill approva.

**24.9.22** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva ċ-Ċirkulari 4/2025 mid-DLG dwar l-Għeluq tas-Sena **Finanzjarja** 2025. L-Audit ser isir f'nofs Marzu 2026.

**24.9.23** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva 2 CVs għal-iskema tac-**CIES**. Permezz ta' email thread ser ser tiġi mifthema ġurnata għal meta ser isiru l-interivews.

**24.9.24** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-Kunsill rebaħ l-appell kontra l-każ ta' Triq il-Ġibjun **PA/5677/23.**

**24.9.25** Is-Sindku infurmat li ġiet mgħoddija korrispondenza lill-Kunsilliera bit-titlu **City-to-City Exchange**. Il-Kunsilliera approvaw li napplikaw u li nsibu villaġġi: li ma għandhomx festa; għandhom automous bus; għandhom ġnien ċiniż.

**24.9.26** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn **EPIC**, li ikkjarifikaw li f'Ottubru kienu bidlu biss il-cabinet li tinsab fuq il-Knisja. Din il-korrispondenza ġiet mibgħuta wara diversi residenti bagħtu l-ilmenti tagħhom. Fl-istess waqt EPIC ikjarifikaw li l-base stations huma skond linji gwida internazzjonali u liġijiet ta' Malta.

**24.9.27** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex it-tlett impjegati tal-Kunsill jistgħu jmexxu 48 siegħa **leave** tas-sena 2025 għas-sena 2026. Il-Kunsill approva.

**24.9.28** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex għal lejlet il-**Milied** u l-Ewwel tas-Sena, l-Uffiċju amministrattiv ikun jista' jagħlaq f' 12pm. Il-Kunsill approva.

**24.9.29** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jinxtraw 2 **UPS** għall-Ġnien is-Serenita peress li ta' spiss qed jinqata d-dawl fil-ġnien u qed tikkawża l-ħsara fic-CCTV cameras. Il-Kunsill approva.

**24.9.30** Is-Sindku infurmat li rċiviet talba mingħand studenta għal 20 siegħa community work ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**24.9.31** Waqt s-Seduta 22.4.34 is-Sindku ġiet mistoqsija kemm intuża l-**van** mill-anzjani bejn 7am – 9am. Is-Sindku infurmat li l-van intuża kemm il-darba u ma kien hemm l-ebda talba mingħand l-istudenti. Infurmat ukoll li wara nofsinhar il-van qed jiġi mitlub ta' spiss. Il-Kunsilliera D'Amato issuġeriet li tiġi mtellgħa facebook post li qed jiġi offrut is-servizz wara nofsinhar ukoll. Il-Kunsilliera Debattista irrimarkat li l-van ma jistgħax jintuża għax-xiri peress li minn ikollu bżonn verament is-servizz mhux jiġi moqdi.

**24.9.32** Waqt is-Seduta 22.4.29 is-Sindku ġiet mistoqsija dwar l-ammont ta' uffiċjali mill-ERA li jagħmlu

spezzjonijiet. Is-Sindku qrat ir-risposta mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar, li informawna li ERA hija awtorita indipendenti, u bħala Reġjun għandu 2/3 slots fil-ġimgħa.

**24.9.33** Is-Sindku rċiviet talba mir-residenti li joqgħodu fil HA ta' **Triq Ċinerarja** sabiex jitbaxxa l-intensita tad-dawl. Il-Perit tal-HA infurma lis-Sindku li ma hemmx min fejn titranġa l-intensita, għalhekk peress li ġejna mgħoddija l-fondi mingħand l-HA sabiex nieħdu ħsieb l-manutenzjoni, il-Kunsill approva li minn naħa tagħna naraw x'jista jsir.

**24.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**24.10.1 Il-Kunsilliera D'Amato** talbet aġġornament dwar l-applikazzjoni tal-Krematorju. Din il-mistoqsija ġiet mwieġba fil-bidu tas-seduta.

**24.10.2 Il-Kunsilliera D'Amato** talbet aġġornament dwar kif baqa l-Kunsill fuq Trejqet Santu Kristu. Is-Sindku infurmat li ġew mibgħuta diversi reminders lid-DG is-Sur Emil Vassallo u kelmitu hi wkoll dwarha sabiex tiġi organizzata laqgħa flimkien mal-Kunsill Gudja.

**24.10.3 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet jekk ġiex mixtri l-ikel għall-qtates mill-flus li nġabru waqt l-attivita tal-Halloween. Is-Sindku infurmat li ser tieħu ħsieb il-Kunsilliera Debattista.

Is-Sindku ikkonfermat mal-Kunsilliera Debattista, li l-attivita Aqra Miegħi ktieb tal-Milied ser tieħu ħsiebha l-Kunsilliera Debattistsa.

**24.10.4 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet fix waslet it-talba għad-devoluzzjoni tal-art tal-area ta' ħdejn l-għassa. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekja u taħdem fuqha.

**24.10.5 Il-Kunsilliera Debattista** talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jinxtraw il-hanging rods għall-pjanti li ser issiru fil-pavillion. Il-Kunsilliera approvaw.

**24.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.35pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2025 fil-5.15pm. Il-Kunsilliera preżenti ikkonfermaw li wara s-seduta ser tiġi organizzata l-ikla tal-Milied flimkien mal-istaff.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 18 ta' Diċembru 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________________ | ____________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |